SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

4 ta' Ottubru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 5(1)(a) – Legalità tal-ipproċessar – Il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) – Neċessità tal-ipproċessar għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija mill-kontrollur jew minn terz – Kunċett ta' 'interessi leġittimi' – Interess kummerċjali – Federazzjoni sportiva – Komunikazzjoni bi ħlas ta' data personali tal-membri ta' federazzjoni sportiva lil sponsors mingħajr il-kunsens ta' dawn il-membri"

Fil-Kawża C-621/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Settembru 2022, fil-proċedura

Koninklijke Nederlandse Lawn Tennisbond

vs

Autoriteit Persoonsgegevens,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn O. Spineanu-Matei, Presidenta tal-Awla, J.-C. Bonichot u L. S. Rossi (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Koninklijke Nederlandse Lawn Tennisbond, minn E. W. S. Peperkamp, O. M. van Rikxoort u S. E. A. Vermeer-de Jongh, advocaaten,

– għall-Autoriteit Persoonsgegevens, minn M. H. L. Hemmer u T. N. Sanders, advocaaten,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn M. K. Bulterman u J. M. Hoogveld, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn E. De Bonis, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Bouchagiar u H. Kranenborg, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, il-Koninklijke Nederlandse Lawn Tennisbond (l-Assoċjazzjoni Rjali tat-Tennis tal-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem il-"KNLTB") u, min-naħa l-oħra, l-Autoriteit Persoonsgegevens (l-Awtorità Responsabbli għall-Protezzjoni tad-Data, il-Pajjiżi l-Baxxi) (iktar 'il quddiem l-"AP") dwar id-deċiżjoni ta' din tal-aħħar li timponi multa fuq il-KNLTB għal ksur tar-regoli tal-GDPR.

Il-kuntest ġuridiku

Il-GDPR

3 Il-premessi 1, 4, 10, 39 u 47 tal-GDPR huma fformulati kif ġej:

"(1) Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali hija dritt fundamentali. L-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-'Karta') u l-Artikolu 16(1) tat-[TFUE] jipprevedu li kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali li tirrigwardaha.

[…]

(4) L-ipproċessar tad-*data* personali għandu jitfassal biex iservi lill-bniedem. Id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali mhuwiex dritt assolut; huwa għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħrajn, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali kollha u josserva l-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta kif integrata fit-Trattati, b'mod partikolari r-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dar u l-komunikazzjonijiet, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-intrapriża, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali u d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.

[…]

(10) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi u sabiex jitneħħew l-ostakoli għaċ-ċirkolazzjoni tad-*data* personali fl-Unjoni [Ewropea], il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-*data* għandu jkun ekwivalenti fl-Istati Membri kollha. L-applikazzjoni konsistenti u omoġenea tar-regoli għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali għandha tkun żgurata fl-Unjoni kollha. […]

[…]

(39) Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali għandu jkun legali u ġust. Għandu jkun trasparenti għall-persuni fiżiċi li fir-rigward tagħhom qiegħda tinġabar, tintuża, tiġi kkonsultata jew b'xi mod ieħor ipproċessata data personali u l-punt sa fejn id-*data* personali qiegħda tiġi pproċessata jew ser tiġi pproċessata. […]

[…]

(47) L-interessi leġittimi ta' kontrollur inklużi dawk ta' kontrollur li lilu tista' tiġi żvelata d-*data* personali jew ta' parti terza, jistgħu jipprovdu bażi legali għall-ipproċessar, sakemm l-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* ma jkunux aktar importanti, b'kont meħud tal-aspettattivi raġonevoli tas-suġġetti tad-*data* abbażi tar-relazzjoni tagħhom mal-kontrollur. Tali interess leġittimu jista'jeżisti pereżempju fejn ikun hemm relazzjoni rilevanti u adatta bejn is-suġġett tad-*data* u l-kontrollur f'sitwazzjonijiet bħal fejn is-suġġett tad-*data* jkun klijent jew fis-servizz tal-kontrollur. Fi kwalunkwe każ il-preżenza ta' interess leġittimu tkun teħtieġ valutazzjoni bir-reqqa inkluż dwar jekk is-suġġett tad-*data* jkunx jista' raġonevolment jistenna, fil-mument u fil-kuntest tal-ġbir tad-*data* personali, li l-ipproċessar għal dak il-fini jkun jista' jsir. L-interessi u d-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* jistgħu, b'mod partikolari, isiru iktar importanti mill-interess tal-kontrollur tad-*data* fejn tkun ipproċessata data personali f'ċirkostanzi fejn is-suġġetti tad-data jistennew b'mod raġonevoli li ma jsirx iktar ipproċessar. […] L-ipproċessar ta' *data* personali għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta jista' jitqies li twettaq għal interess leġittimu."

4 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, bit-titolu "Suġġett u objettivi", jipprovdi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Dan ir-Regolament jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni ta' *data* personali."

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) '*dat*a personali' tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ('suġġett tad-*data*'); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, data ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika;

(2) ‘ipproċessar’ tfisser kwalunkwe attività jew sett ta’ attivitajiet li jitwettqu fuq *data* personali jew fuq settijiet ta’ *data* personali, sew jekk b’mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b’xi mezz ieħor, l-allinjament jew it-taħlita, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

[…]

(7) ‘kontrollur’ tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma’ oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta’ *data* personali; fejn l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ikunu ddeterminati mil-liġi tal-Unjoni jew ta’ Stat Membru, il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jistgħu jiġu determinati mil-liġi tal-Unjoni jew ta’ Stat Membru;

[…]

(11) ‘kunsens’ tas-suġġett tad-*data* tfisser kwalunkwe indikazzjoni tax-xewqat tas-suġġett tad-*data* mogħtija b’mod liberu, speċifika, infurmata u mhux ambigwa li permezz tagħha s-suġġett tad-*data*, permezz ta’ dikjarazzjoni jew permezz ta’ azzjoni affermattiva ċara, juri li jaqbel mal-ipproċessar ta’ *data* personali relatata miegħu;

[…]”

6 Skont l-Artikolu 5 tal-istess regolament, bit-titolu “Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta’ *data* personali”:

“1. Id-*data* personali għandha:

(a) tkun ipproċessata legalment, ġustament u b’mod trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-*data* (“legalità, ġustizzja u trasparenza”);

(b) tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment b’mod inkompatibbli ma’ dawk il-finijiet; […]

(c) tkun adegwata, rilevanti, u limitata għal dak li hu meħtieġ b’rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata (‘minimizzazzjoni tad-*data*’);

[…]

2. Il-kontrollur għandu jkun responsabbli għall-konformità mal-paragrafu 1 u jkun kapaċi juriha (‘responsabbiltà’).”

7 L-Artikolu 6 tal-GDPR, bit-titolu “Legalità tal-ipproċessar”, huwa fformulat kif ġej:

“1. L-ipproċessar għandu jkun legali biss jekk u safejn mill-inqas ikun japplika wieħed mill-punti li ġejjin:

(a) is-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens għall-ipproċessar ta’ *data* personali tiegħu għal fini speċifiku wieħed jew aktar;

[…]

(f) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur jew minn parti terza, għajr meta dawn l-interessi jingħelbu mill-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* li jeħtieġu l-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari meta s-suġġett tad-*data* jkun minorenni.

Il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għall-ipproċessar li jitwettaq minn awtoritajiet pubbliċi fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.

[…]"

8 L-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament, bit-titolu "Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fejn tinġabar data personali mis-suġġett tad-data", jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fejn *data* personali relatata ma' suġġett tad-*data* tinġabar mingħand is-suġġett tad-*data*, il-kontrollur għandu, fil-ħin li tinkiseb id-*data* personali, jipprovdi l-informazzjoni kollha li ġejja lis-suġġett tad-*data*:

[…]

(c) l-għanijiet tal-ipproċessar li għalihom hija maħsuba d-*data* personali kif ukoll il-bażi legali għall-ipproċessar;

(d) fejn l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-punt (f) tal-Artikolu 6(1), l-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur jew minn parti terza;

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-KNLTB hija federazzjoni sportiva kkostitwita fil-forma ta' assoċjazzjoni. Il-membri tiegħu huma l-assoċjazzjonijiet tat-tennis li huma affiljati magħha kif ukoll il-membri tagħhom. Fil-fatt, meta persuna ssir membru ta' assoċjazzjoni tat-tennis affiljata mal-KNLTB, hija ssir ukoll awtomatikament membru ta' din tal-aħħar. Il-KNLTB tikkoopera ma' sponsors sabiex, skont dak li hija ssostni, iżżid it-tixrid u l-viżibbiltà tat-tennis kif ukoll l-affiljazzjoni tal-membri tagħha.

10 Matul is-sena 2018, il-KNLTB ikkomunikat data personali tal-membri tagħha lil tnejn mill-isponsors tagħha, jiġifieri SportshopsDirect BV (iktar 'il quddiem "TennisDirect"), kumpannija li tbigħ prodotti sportivi, u Nederlandse Loterij Organisatie BV (iktar 'il quddiem "NLO"), l-ikbar fornitriċi ta' logħob tal-azzard u ta' logħob tal-każinò fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-KNLTB irċeviet remunerazzjoni mingħand l-isponsors tagħha talli kkomunikatilhom id-data personali inkwistjoni.

11 B'mod partikolari, fil-11 ta' Ġunju 2018, il-KNLTB ikkomunikat lil TennisDirect l-ismijiet, l-indirizzi u d-domiċilji tal-membri tagħha sabiex jintbagħat bil-posta fuljett li kien fih promozzjonijiet. Sabiex tagħmel dan, TennisDirect, min-naħa tagħha, bagħtet din id-data lis-servizz postali PostNL bil-għan tal-istampar ta' dan il-fuljett.

12 Barra minn hekk, fid-29 ta' Ġunju 2018, il-KNLTB ikkomunikat lil NLO, minbarra l-ismijiet, l-indirizzi u d-domiċilji tal-membri tagħha, id-dati tat-twelid, in-numri tat-telefons fissi, in-numri tat-telefons mobbli u l-indirizzi elettroniċi ta' dawn tal-aħħar kif ukoll l-ismijiet tal-klabbs tat-tennis li magħhom dawn il-membri kienu affiljati. Din il-komunikazzjoni kellha bħala għan kampanja ta' telefonati, li fil-kuntest tagħha NLO bagħtet din id-data lil ċentri telefoniċi li hija kienet użat għal dan l-għan.

13 Wara lmenti mressqa minn ċerti membri tal-KNLTB, l-AP qieset li din tal-aħħar kienet kisret il-punti (a) u (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD, moqri flimkien mal-Artikolu 5(1)(a) ta' dan ir-regolament minħabba li hija kienet ikkomunikat id-data personali tal-membri tagħha, mingħajr il-kunsens tagħhom u mingħajr bażi leġittima sabiex tikkomunika d-data tagħhom. Konsegwentement, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2019, l-AP imponiet fuq il-KNLTB multa ta' EUR 525 000.

14 Il-KNLTB ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem ir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), li hija l-qorti tar-rinviju.

15 Għalkemm huwa paċifiku bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali li l-KNLTB ma kinitx kisbet il-kunsens tal-membri individwali tagħha sabiex tikkomunika d-data personali tagħhom lill-isponsors imsemmija iktar 'il fuq u li l-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR ma jistax jiġi invokat bħala bażi għall-ipproċessar ikkonċernat, il-KNLTB allegat li l-komunikazzjoni ta' din id-data kienet ibbażata fuq interess leġittimu, fis-sens tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR. Dan l-interess jikkonsisti, minn naħa, fil-fatt li tinħoloq rabta qawwija bejn din l-assoċjazzjoni u l-membri tagħha, u min-naħa l-oħra, li jkun jista' jiġi offrut valur miżjud għall-adeżjoni tagħhom fil-forma ta' tnaqqis u ta' offerti minn imsieħba li jippermettu lil dawn il-membri jipprattikaw it-tennis bi prezz affordabbli u aċċessibbli.

16 L-AP tqis li l-interessi leġittimi, fis-sens tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, huma biss interessi stabbiliti u ddeterminati minn liġi. Skont l-AP, dawn għandhom ikunu interessi meqjusa li jixirqilhom protezzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni jew mil-leġiżlatur nazzjonali, li għandhom jiġu evalwati skont "kriterju pożittiv". Issa, dan ma huwiex il-każ f'din il-każ.

17 Minn opinjoni differenti, il-KNLTB issostni li interess leġittimu ma għandux neċessarjament jirriżulta minn dritt fundamentali jew minn prinċipju ġuridiku, iżda li kull interess jista' jikkostitwixxi interess leġittimu, sakemm dan ma jkunx imur kontra l-liġi, fejn tali interess għandu għaldaqstant jiġi evalwat skont "kriterju negattiv".

18 Matul il-proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju, kien hemm skambji bejn il-partijiet f'din il-proċedura dwar it-tifsira tal-kunċett ta' "interess leġittimu" li jinsab fil-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, u b'mod partikolari dwar jekk interess purament kummerċjali, li jikkonsisti fil-bejgħ ta' data personali tal-membri ta' assoċjazzjoni tat-tennis, mingħajr il-kunsens ta' dawn tal-aħħar, lil sponsors għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta, jistax jitqies bħala interess leġittimu.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "interessi leġittimi", fis-sens tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, ir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti ta' Amsterdam) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"[1.] X'interpretazzjoni għandha tingħata [mill-qorti tar-rinvju] għall-kunċett ta' 'interess leġittimu' [fis-sens tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR]?

[2.] Dan il-kunċett għandu jiġi interpretat fis-sens li fih il-konvenuta tinterpretah? Dawn huma esklużivament interessi stabbiliti u ddeterminati minn liġi? jew;

[3.] Kull interess jista' jkun interess leġittimu, sakemm ma jkunx imur kontra l-liġi? B'mod iktar speċifiku: interess purament kummerċjali u l-interess inkwistjoni f'dan il-każ, jiġifieri l-komunikazzjoni bi ħlas ta' data personali mingħajr il-kunsens tal-persuna kkonċernata [suġġett tad-data], jistgħu jitqiesu bħala interess leġittimu f'ċerti ċirkustanzi? Jekk dan huwa l-każ, liema huma ċ-ċirkustanzi li jiddeterminaw jekk interess purament kummerċjali huwiex interess leġittimu?"

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

20 Permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Mejju 2023, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ssospenda din il-proċedura sakemm tingħata deċiżjoni li ttemm l-istanza fil-Kawża C-252/21, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali).

21 Konformement mad-deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Awwissu 2023, ir-Reġistru kkomunika lill-qorti tar-rinviju s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali) (C-252/21, EU:C:2023:537), filwaqt li stedinha tindikalu jekk, fid-dawl ta' dik is-sentenza, hija xtaqitx iżżomm it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, kompletament jew parzjalment, u, fil-każ ta' rtirar parzjali ta' din it-talba, tindika r-raġunijiet għaż-żamma ta' parti minnha.

22 Permezz ta' ittra li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Frar 2024, dik il-qorti indikat li hija kienet ser iżżomm it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari.

Fuq id-domandi preliminari

23 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, din tal-aħħar għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tkun tippermettilha taqta' t-tilwima li hija tkun adita biha. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, jekk ikun meħtieġ, tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024, Greislzel, C-35/23, EU:C:2024:532, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 F'dan il-każ, id-domandi preliminari jirrigwardaw il-possibbiltà li tiġi ġġustifikata, abbażi tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, il-komunikazzjoni, bi skambju għal remunerazzjoni, minn assoċjazzjoni sportiva ta' data personali tal-membri tagħha lil sponsors ta' din l-assoċjazzjoni bil-għan ta' azzjonijiet promozzjonali.

25 Minn dan isegwi li, permezz tad-domandi preliminari tagħha, li għandhom jingħataw risposta konġunta, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR għandux jiġi interpretat fis-sens li pproċessar ta' data personali li jkun jikkonsisti fil-komunikazzjoni bi ħlas ta' data personali tal-membri ta' federazzjoni sportiva, bil-għan li jiġi ssodisfatt interess kummerċjali tal-kontrollur, jista' jitqies li huwa neċessarju għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija minn dan il-kontrollur jew minn terz, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u jekk din id-dispożizzjoni teħtieġx li tali interess ikun iddeterminat mil-liġi.

26 Sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi għandu jitfakkar, preliminarjament, li l-għan imfittex mill-GDPR, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tiegħu kif ukoll mill-premessi 1 u 10 tiegħu, jikkonsisti, b'mod partikolari, f'li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari tad-dritt tagħhom għall-ħajja privata fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, stabbilit fl-Artikolu 8(1) tal-Karta u fl-Artikolu 16(1) TFUE (sentenza tas-7 ta' Marzu 2024, IAB Europe, C-604/22, EU:C:2024:214, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Konformement ma' dan l-għan, kull ipproċessar ta' data personali għandu, b'mod partikolari, ikun konformi mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' tali data stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament u jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' legalità elenkati fl-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et*, C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 208, kif ukoll tal-11 ta' Lulju 2024, Meta Platforms Ireland (Azzjoni rappreżentattiva), C-757/22, EU:C:2024:598, punt 49).

28 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 5(1)(a) tal-GDPR, id-data personali għandha tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-data.

29 B'mod partikolari, hekk kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR jipprevedi lista eżawrjenti u limitattiva tal-każijiet li fihom ipproċessar ta' data personali jista' jitqies legali. Għaldaqstant, sabiex ipproċessar ikun jista' jitqies leġittimu, dan għandu jkun jaqa' taħt wieħed mill-każijiet previsti f'din id-dispożizzjoni (sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 90).

30 Skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RGPD, l-ipproċessar ta' data personali jkun legali jekk, u sakemm, is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens tiegħu għal dan l-ipproċessar għal skop jew għal diversi skopijiet speċifiċi. Fl-assenza ta' tali kunsens, jew meta dan il-kunsens ma jkunx ingħata b'mod liberu, speċifiku, informat u inekwivoku, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 4 tal-GDPR, tali pproċessar ikun madankollu ġġustifikat meta dan ikun jissodisfa wieħed mir-rekwiżiti ta' neċessità msemmija fil-punti (b) sa (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament.

31 F'dan il-kuntest, il-ġustifikazzjonijiet previsti f'din l-aħħar dispożizzjoni, sa fejn dawn jippermettu li pproċessar ta' data personali mwettaq fl-assenza tal-kunsens tas-suġġett tad-data jsir legali, għandhom ikunu suġġetti għal interpretazzjoni restrittiva (sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Barra minn hekk, hekk kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, meta jkun possibbli li jiġi kkonstatat li pproċessar ta' data personali huwa neċessarju fid-dawl ta' waħda mill-ġustifikazzjonijiet previsti fil-punti (b) sa (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, ma hemmx lok li jiġi

ddeterminat jekk dan l-ipproċessar jaqax ukoll taħt waħda oħra minn dawn il-ġustifikazzjonijiet (sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, konformement mal-Artikolu 5 tal-GDPR huwa l-kontrollur li għandu l-oneru li jipprova li din id-data hija b'mod partikolari miġbura għal skopijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi u li din hija pproċessata b'mod legali, ġust u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-data. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 13(1)(c) ta' dan ir-regolament, meta data personali tingħabar mingħand is-suġġett tad-data, huwa l-kontrollur li għandu jinformah dwar l-iskopijiet tal-ipproċessar li għalih din id-data hija intiża kif ukoll dwar il-bażi legali ta' dan l-ipproċessar (sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 95).

34 F'dan il-każ, mill-fajl għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-membri tal-KNLTB ma tawx il-kunsens tagħhom, fis-sens tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, sabiex din tal-aħħar tikkomunika bi ħlas data personali li tikkonċernahom lil terzi, b'mod partikolari lil TennisDirect u lil NLO.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjonijiet tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament, imsemmija speċifikament fit-talba għal deċiżjoni preliminari, jistgħux jiġu invokati sabiex jiġi ġġustifikat l-iżvelar ta' tali data lil dawn it-terzi.

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, ipproċessar ta' data personali jkun legali jekk dan ikun neċessarju għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija mill-kontrollur jew minn terz, sakemm ma jkunux jipprevalu l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data li jkunu jeħtieġu protezzjoni ta' din id-data personali.

37 Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, din id-dispożizzjoni tipprevedi tliet kundizzjonijiet kumulattivi sabiex ipproċessar ta' data personali jkun legali, jiġifieri, l-ewwel nett, it-tfittxija ta' interess leġittimu mill-kontrollur tad-data jew minn terz, it-tieni nett, in-neċessità tal-ipproċessar tad-data personali sabiex jintlaħaq l-interess leġittimu mfittex u, it-tielet nett, il-kundizzjoni li l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata mill-protezzjoni tad-data ma jkunux jipprevalu fuq l-interess leġittimu tal-kontrollur jew ta' terz (sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 106 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 F'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, il-kundizzjoni relatata mat-tfittxija ta' "interess leġittimu", għandu jiġi enfasizzat li, fl-assenza ta' definizzjoni ta' dan il-kunċett mill-GDPR, hekk kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, firxa wiesgħa ta' interessi tista', bħala prinċipju, titqies li hija leġittima (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2023, SCHUFA Holding (Rilaxx ta' dejn li ma tħallasx lura) (C-26/22 u C-64/22, EU:C:2023:958, punt 76).

39 Hekk kif jirriżulta wkoll mill-premessa 47 tal-GDPR, li tirrigwarda l-kunċett ta' "interess leġittimu", il-leġiżlatur tal-Unjoni ma eżiġix li l-interess imfittex minn kontrollur ikun previst mil-liġi sabiex l-ipproċessar tad-data personali mwettaq minn dan il-kontrollur ikun leġittimu fis-sens tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament. Din il-

konstatazzjoni hija iktar u iktar vera ġaladarba din il-premessa tiċċita, bħala eżempju, l-għanijiet ta' kummerċjalizzazzjoni b'mod ġenerali bħala interessi leġittimi li jistgħu jiġu segwiti minn kontrollur.

40 Madankollu, għalkemm il-kunċett ta' "interess leġittimu", fis-sens tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, ma huwiex limitat għall-interessi stabbiliti u ddeterminati minn liġi, dan jeżiġi li l-interess leġittimu allegat ikun legali.

41 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 13(1)(d) tal-GDPR, huwa l-kontrollur, fil-mument li fih data personali relatata ma' suġġett tad-data tinġabar mingħand dan is-suġġett, li għandu jindikalu l-interessi leġittimi mfittxija meta dan l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament (sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 107).

42 It-tieni nett, fir-rigward tal-kundizzjoni relatata man-neċessità tal-ipproċessar ta' data personali għat-twettiq tal-interess leġittimu mfittex, din timponi fuq il-qorti tar-rinviju l-obbligu li tivverifika li l-interess leġittimu tal-ipproċessar tad-data mfittex ma jistax raġonevolment jintlaħaq b'mod daqstant effettiv permezz ta' mezzi oħra li inqas jippreġudikaw il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data, b'mod partikolari d-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali ggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta (sentenza tas-7 ta' Diċembru 2023, SCHUFA Holding (Rilaxx ta' dejn li ma tħallasx lura), C-26/22 u C-64/22, EU:C:2023:958, punt 77 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

43 F'dan il-kuntest, hemm ukoll lok li jitfakkar li l-kundizzjoni relatata man-neċessità tal-ipproċessar għandha tiġi eżaminata flimkien mal-prinċipju msejjaħ ta' "minimizzazzjoni tad-data" stabbilit fl-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR, li skontu d-data personali għandha tkun "adegwata, rilevanti, u limitata għal dak li hu meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata" (sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 109 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

44 Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda, it-tielet nett, il-kundizzjoni li l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata mill-protezzjoni tad-data ma jipprevalu fuq l-interess leġittimu tal-kontrollur jew ta' terz, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li din timplika bbilanċjar bejn id-drittijiet u l-interessi opposti inkwistjoni li jkun jiddependi, bħala prinċipju, fuq iċ-ċirkustanzi konkreti tal-każ partikolari u li, konsegwentement, hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq dan l-ibbilanċjar billi tieħu inkunsiderazzjoni dawn iċ-ċirkustanzi speċifiċi (sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 110 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

45 Barra minn hekk, il-premessa 47 tal-GDPR tindika li l-interessi u d-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data jistgħu, b'mod partikolari, jipprevalu fuq l-interess tal-kontrollur meta data personali tiġi pproċessata f'ċirkustanzi fejn is-suġġetti tad-data ma jistennewx b'mod raġonevoli tali pproċessar (sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 112).

46 Għalkemm, fl-aħħar mill-aħħar, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, it-tliet kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 37 ta' din is-sentenza humiex issodisfatti, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', hija u tagħti deċiżjoni fuq talba għal deċiżjoni preliminari, tipprovdi preċiżazzjonijiet intiżi li jiggwidaw lil dik

il-qorti f'din id-determinazzjoni (sentenzi tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 96, kif ukoll tas-7 ta' Diċembru 2023, SCHUFA Holding (Rilaxx ta' dejn li ma tħallasx lura), C-26/22 u C-64/22, EU:C:2023:958, punt 81 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

47 F'dan il-każ, fir-rigward, l-ewwel nett, tal-kundizzjoni relatata mat-tfittxija ta' interess leġittimu mill-kontrollur jew minn terz, fis-sens tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-interess kummerċjali tal-kontrollur, jiġifieri federazzjoni sportiva bħall-KNLTB, li jikkonsisti fil-komunikazzjoni bi ħlas ta' data personali tal-membri tagħha lil terzi, jiġifieri, f'dan il-każ, kumpannija li tbigħ prodotti sportivi kif ukoll fornitur ta' logħob tal-ażżard u tal-logħob tal-każinò fil-Pajjiżi l-Baxxi, għal finijiet ta' reklamar jew ta' kummerċjalizzazzjoni, b'mod partikolari, bil-għan li jintbagħtu messaġġi ta' reklamar u promozzjonijiet minn dawn tal-aħħar lil dawn il-membri.

48 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx li interess kummerċjali tal-kontrollur, li jikkonsisti fil-promozzjoni u fil-bejgħ ta' spazji ta' reklamar għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, jista' jitqies bħala interess leġittimu fis-sens tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 73).

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, interess kummerċjali tal-kontrollur, bħal dak imsemmi fil-punt 47 ta' din is-sentenza, jista' jikkostitwixxi interess leġittimu, fis-sens tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, sakemm dan ma jkunx kuntrarju għal-liġi. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, każ b'każ, l-eżistenza ta' tali interess billi tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest ġuridiku applikabbli u ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża.

50 Fil-każ li tali interess jitqies li huwa leġittimu, ikun għad hemm lok, sabiex it-tfittxija ta' dan l-interess tkun tista' tippermetti pproċessar ta' data personali, skont il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR, li l-kontrollur josserva l-obbligi l-oħra kollha tiegħu taħt dan ir-regolament.

51 It-tieni nett, fir-rigward tal-kundizzjoni relatata man-neċessità ta' dan l-ipproċessar għat-twettiq tal-imsemmi interess u, b'mod partikolari, tal-eżistenza ta' mezzi li jippreġudikaw inqas il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data u daqstant xierqa, għandu jiġi kkonstatat li huwa b'mod partikolari possibbli, għal federazzjoni sportiva bħall-KNLTB, li tkun tixtieq tikkomunika bi ħlas id-data personali tal-membri tagħha lil terzi, li tinforma minn qabel lill-membri tagħha u li titlobhom jekk jixtiqux li d-data tagħhom tiġi trażmessa lil dawn it-terzi għall-finijiet ta' reklamar jew ta' kummerċjalizzazzjoni.

52 Din is-soluzzjoni tippermetti lill-membri kkonċernati, konformement mal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data, imsemmi fil-punt 43 ta' din is-sentenza, iżommu l-kontroll fuq l-iżvelar tad-data personali tagħhom u b'hekk jillimitaw l-iżvelar tagħha għal dak li jkun effettivament neċessarju u rilevanti fir-rigward tal-iskopijiet li għalihom l-imsemmija data tiġi trażmessa u pproċessata (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2024, HTB Neunte Immobilien Portfolio u Ökorenta Neue Energien Ökostabil IV, C-17/22 u C-18/22, EU:C:2024:738, punt 60).

53 Proċedura bħal dik deskritta fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza tista' tinvolvi inqas indħil fid-dritt għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tad-data personali tas-suġġett tad-data, filwaqt li tippermetti lill-kontrollur ifittex, b'mod daqstant effettiv, l-interess leġittimu li huwa jinvoka, fatt

li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2024, HTB Neunte Immobilien Portfolio u Ökorenta Neue Energien Ökostabil IV, C-17/22 u C-18/22, EU:C:2024:738, punt 61).

54 It-tielet nett, fir-rigward tal-ibbilanċjar tal-interessi li l-qorti tar-rinviju għandha twettaq fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tat-tilwima fil-kawża prinċipali, dik il-qorti għandha tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-aspettattivi raġonevoli tas-suġġett tad-data kif ukoll il-portata tal-ipproċessar inkwistjoni u l-effett tiegħu fuq dan is-suġġett tad-data (sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali), C-252/21, EU:C:2023:537, punt 116).

55 Fil-kuntest ta' tali bbilanċjar, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk id-dritt tal-membri ta' assoċjazzjonijiet tat-tennis għall-ħajja privata fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali li tikkonċernahom, stabbilit fl-Artikolu 8(1) tal-Karta u fl-Artikolu 16(1) TFUE, jistax jipprevali fuq l-interess kummerċjali ta' federazzjoni nazzjonali tat-tennis. F'din il-perspettiva, hekk kif jirriżulta mill-premessa 47 tal-GDPR, għandha tingħata importanza partikolari għall-kwistjoni dwar jekk dawn il-membri setgħux raġonevolment jistennew, fil-mument tal-ġbir tad-data personali tagħhom sabiex isiru membri ta' assoċjazzjoni tat-tennis, li din tiġi żvelata bi ħlas lil terzi, f'dan il-każ lil sponsors tal-KNLTB, għal finijiet ta' reklamar u ta' kummerċjalizzazzjoni.

56 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li d-data inkwistjoni hija b'mod partikolari trażmessa lil fornitur tal-logħob tal-ażżard u tal-logħob tal-każinò, bħal NLO, li l-attivitajiet ta' promozzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni tiegħu, għalkemm leġittimi, huma eżerċitati f'kuntest li, kuntrarjament għal dak li jirriżulta mill-premessa 47 tal-GDPR, ma jidhirx li huwa kkaratterizzat minn relazzjoni rilevanti u xierqa bejn is-suġġetti tad-data u l-kontrollur. Barra minn hekk, f'ċerti ċirkustanzi, l-ipproċessar ta' tali data jista' jkollu effetti negattivi fuq il-membri tal-assoċjazzjonijiet tat-tennis ikkonċernati sa fejn dawn l-attivitajiet jistgħu jesponu lil dawn il-membri għar-riskji marbuta mal-iżvilupp tal-ludopatija.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domandi preliminari għandha tkun li l-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tal-GDPR għandu jiġi interpretat fis-sens li pproċessar ta' data personali li jkun jikkonsisti fil-komunikazzjoni bi ħlas ta' data personali tal-membri ta' federazzjoni sportiva, bil-għan li jiġi ssodisfatt interess kummerċjali tal-kontrollur, jista' jitqies li huwa neċessarju għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija minn dan il-kontrollur, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, biss bil-kundizzjoni li dan l-ipproċessar ikun strettament neċessarju għat-twettiq tal-interess leġittimu inkwistjoni u li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ta' dawn il-membri ma jkunux jipprevalu fuq dan l-interess leġittimu. Għalkemm l-imsemmija dispożizzjoni ma teħtieġx li tali interess ikun iddeterminat mil-liġi, din teħtieġ li l-interess leġittimu allegat ikun legali.

Fuq l-ispejjeż

58 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ipproċessar ta' data personali li jkun jikkonsisti fil-komunikazzjoni bi ħlas ta' data personali tal-membri ta' federazzjoni sportiva, bil-għan li jiġi ssodisfatt interess kummerċjali tal-kontrollur, jista' jitqies li huwa neċessarju għall-finijiet tal-interessi leġittimi mfittxija minn dan il-kontrollur, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, biss bil-kundizzjoni li dan l-ipproċessar ikun strettament neċessarju għat-twettiq tal-interess leġittimu inkwistjoni u li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, l-interessi jew il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ta' dawn il-membri ma jkunux jipprevalu fuq dan l-interess leġittimu. Għalkemm l-imsemmija dispożizzjoni ma teħtieġx li tali interess ikun iddeterminat mil-liġi, din teħtieġ li l-interess leġittimu allegat ikun legali.

Firem